# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**ANTOINE AGIUS**
(ID: 0124383 M)

**Illum, 21 ta' Mejju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **ANTOINE AGIUS** ta' 36 sena, iben David u Theresa' nee Muscat imwieled Pieta', nhar is-16 ta' Frar 1983, residenti gewwa Solei, Triq Alexandra Hal Qormi u No. 4, Flat 6, Triq id-Dragonara, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0124383(M), tressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar id-9 ta' Marzu 2019 u matul il-granet ta' qabel u kif ukoll matul ix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti:-

1. Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Imhallef Dr. Giovanni Grixti LL.D) fid-digriet datat nhar id-9 ta' Lulju 2018 u/jew kif sussegwentement gie emendat li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija;
2. Talli sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta (Qorti ta' l-Appell Kriminali – Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D nhar it-12 ta' Mejju 2015 u Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – Mag. Dr. A. Vella LL.D nhar is-7 ta' April 2018), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mill-Ligi, tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil Antoine u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-istess Antoine Agius.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex is-somma ta' elfejn euro (€2,000) bhala depozitu u s-somma ta' ghaxar t'elef euro (€10,000) bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2019;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum;

Ikkunsidrat;

L-imputat gie mixli li kiser uhud mill-kundizzjonijiet tad-digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 ta' Lulju 2018, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest, u dan meta allegatament naqas diversi drabi milli jirrapporta fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar (12.00 p.m) kif ukoll meta allegatament nstab barra f'hin meta skont l-imsemmi digriet, kellu jkun rinkazat. Gie mixli wkoll li huwa recidiv.

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni – L-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9.</u>**

Bhala provi, il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil P.S. 1300 Julian Fenech li xehed illi fid-9 ta' Marzu 2019 ghall-habta tat-3.15 a.m. meta kien xoghol gewwa Paceville vicin l-istabbiliment Burger King, lemah vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBG-879 tal-ghamla Audi diehla kontra l-one way u meta din ghaddiet quddiemu, huwa gharaf li bhala passiggier f'din il-vettura kien hemm Antoine Agius li gharfu wkoll bhala l-imputat odjern. Ix-xhud spjega illi huwa segwa l-vettura bil-mixi u sabha pparkjata ma' kantuniera hdejn l-istabbiliment Dragonara. Lill-imputat rah fil-vettura jitkellem ma' persuna, u x-xhud spjega illi kien hemm persuni ohrajn li kienu gewwa l-karozza, kif ukoll persuna maskili fuq il-bankina qed titkellem max-xufier tal-vettura li fiha kien hemm l-imputat. Ix-xhud qal ukoll li billi l-vettura kienet ipparkjata fil-kantuniera, lill-imputat l-ewwel ma qallu kien li dalwaqt ha jsuqu. Meta x-xhud qallu biex jinzel mill-vettura, l-imputat qallu li kien sejjer l-isptar ghaliex ma jiflahx.

In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma illi kif l-imputat ittiehed fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, beda jilmenta bil-qtugh tan-nifs, qal li kellu bronchite u ntalbet ambulanza biex twasslu l-isptar.

Xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Frank Anthony Tabone, u qal illi fl-10 ta' Marzu 2019 huwa gie informat illi ghalkemm Antoine Agius kien ittiehed l-Isptar il-gurnata ta' qabel, l-imputat kien talab li jigi *discharged* u effettivament kien telaq mill-isptar. Kien ghalhekk li x-xhud ta struzzjonijiet biex l-imputat jigi arrestat u in-terrogat dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Ix-xhud spjega illi fl-10 ta' Marzu 2019 l-imputat irrilaxxa stqarrija li giet esebita bhala Dok. FT5[1]. Qal ukoll li huwa kien gabar il-*bail book* tal-imputat mill-Ghassa ta' Hal Qormi fejn irri-zulta illi l-istess imputat kien naqas diversi drabi milli jiffirma skont kif ordnat fid-digriet li bih huwa nghata l-helsien mill-arrest. Meta kkonfronta lill-imputat b'dawn in-nuqqasijet li l-imputat spjega illi huwa ma kienx jiffirma meta kien jinqabad fuq xoghol, u lanqas ma kien gharraf lill-Pulizija meta hassu ma jiflahx u qal li kien sejjer l-Isptar.

Il-Prosekuzzjoni esebiet kopja legali tad-digriet li bih l-imputat inghata l-helsien mill-arrest, datat 9 ta' Lulju 2018 (Dok. FT2[2]) kif ukoll il-*bail book* tal-imputat li kien jin-zamm fl-Ghassa ta' Hal Qormi (Dok. FT6[3]) u li minnu jirrizulta, skont dak li xehed l-Ispettur Frank Anthony Tabone, illi bejn l-1 ta' Jannar 2019 sal-gurnata tal-arrest tieghu fid-9 ta' Marzu 2019, l-imputat naqas ripetutament milli jirrapporta l-Ghassa filwaqt illi ghall-perijodu bejn it-28 ta' Frar 2019 u l-5 ta' Marzu 2019 kien ipprezenta certifikat mediku (Dok. FT7).

L-imputat ghazel li jixhed f'din il-kawza u fid-depozizzjoni tieghu spjega illi fid-9 ta' Marzu 2019 huwa kien id-dar fejn joqghod gewwa Dragonara Road, San Giljan, kien ma jiflahx sew bil-bronchite u kien qed jaqta' nifsu. Hu qal li kellu certifikat mediku li kien ghaddih lill-Pulizija, u kien ghamel xi tmint ijiem ma setax jirrapporta l-Ghassa minhabba li kien ma jiflahx. Spjega illi fil-lejl tad-9 ta' Marzu 2019 il-kugina tieghu

[1] Fol. 21 *et seq*.

[2] A fol. 8 u 9.

[3] Fol. 30.

certu Kim Mercieca izda mhux cert x'kunjomha preciz, kienet giet tarah u baqghet ghandu d-dar u kienet hi li kienet sejra twasslu l-Isptar bil-karozza taghha. Jistqarr, izda, li ma kienx gharraf lill-Pulizija li kien bi hsiebu johrog mid-dar biex imur l-Isptar. L-imputat xehed ukoll li dak il-hin meta kien fil-karozza, huwa kien bis-seat imnizzel, liebes il-pagama. Qal illi fil-mument li gie fuqu l-Pulizija, hu kien qed jistenna fil-karozza waqt li kugintu telghet biex iggiblu l-karta tal-identita` tieghu ghaliex kien halliha warajh id-dar. Innega illi lill-ufficjali tal-Pulizija qallu li kien sejjer l-Isptar biss meta ttiehed l-Ghassa tal-Pulizija. L-imputat ikkonferma wkoll illi huwa telaq minn jeddu mill-Isptar minkejja li kellu jibqa' jinzamm hemmhekk.

Rigward l-okkazzjonijiet meta naqas milli jiffirma l-*bail book*, l-imputat xehed illi wara li nghata l-helsien mill-arrest, huwa bidel ir-residenza u minn Hal Qormi beda joqghod San Giljan, filwaqt li kellu hanut il-Marsa. Spjega illi meta t-tfajla tieghu ma setghetx twasslu hi bil-karozza, ma kienx ilahhaq imur jiffirma izda ghalkemm gieli qabez xi gurnata, qal li dejjem ta spjegazzjoni lill-Pulizija tal-Ghassa ta' Hal Qormi. L-imputat ammetta wkoll illi huwa zbalja u li jiddispjacih ghal dawk l-okkazzjonijiet meta ma marx jiffirma jew ma marx jiffirma fil-hinijiet specifikati fid-digriet.

Finalment l-imputat fix-xhieda tieghu jikkonferma illi huwa edott bit-termini tad-digriet tal-helsien mill-arrest u bl-obbligazzjonijiet tieghu[4].

Xehdet ukoll bhala xhud in difesa Doris Vella Cassia, *customer care officer* fl-Isptar Mater Dei, li esebiet il-file mediku tal-imputat mid-9 ta' Marzu 2019 'il quddiem (Dok. DVC1) u kkonfermat ukoll li l-imputat dahal l-Isptar fid-9 ta' Marzu 2019, gie invistat fl-4.45 a.m. taht il-kura ta' Dr. Gerada u telaq minn jeddu fid-9.15 p.m. fl-istess gurnata.

Ikkunsidrat;

[4] Fol. 52 – xhieda tal-imputat, 10 ta' April 2019.

Fil-kaz odjern, l-imputat tressaq akkuzat bir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9, fuq allegazzjoni ta' ksur tal-kundizzjoni tar-rinkazar kif ukoll ksur tal-kundizzjoni li jiffirma l-*bail book*. Mill-kopja legali tad-digriet moghti fid-9 ta' Lulju 2018 mill-Qorti Kriminali, debitament esebita mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta illi l-imputat huwa marbut *inter alia* bil-kundizzjoni li jirrapporta lill-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi kuljum u dan bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar, kif ukoll illi jirtira gewwa r-residenza tieghu mhux izjed tard mit-8.00 p.m. u ma johrogx minn hemm qabel is-7.00 a.m.

Id-difiza fit-trattazzjoni tal-kawza, qajmet il-pregudizzjali illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-ahjar prova meta ipproduciet biss kopja legali tad-digriet tad-9 ta' Lulju 2018. Id-difiza ssostni illi jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni tressaq l-ahjar prova biex turi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi effettivament, dak id-digriet ma giex varjat jew mibdul b'xi mod u illi fid-9 ta' Marzu 2019 kien in vigore bl-istess kundizzjonijiet li kienu vigenti fid-9 ta' Lulju 2018. Tikkontendi illi dan setghet taghmlu biss billi tipproduci kopja shiha tal-atti tal-proceduri kriminali li fihom inghata dak id-digriet.

Il-Qorti tibda billi tosserva qabel xejn illi l-imputat, li ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri, qal bla tlaqliq fix-xhieda tieghu illi huwa jaf x'inhuma l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest lilu koncess. Inoltre fl-istqarrija tieghu[5], liema stqarrija giet minnu rilaxxata u ffirmata fl-10 ta' Marzu 2019, l-imputat kien diga` afferma li huwa marbut illi jiffirma kuljum gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi bejn it-8.00 a.m u nofsinhar kif ukoll l-obbligu li jidhol id-dar fit-8.00 p.m u ma johrogx qabel is-7.00 a.m. Konformement, billi huwa evidenti li f'ebda waqt tal-proceduri ma kien hemm imqar hjiel ta' kontestazzjoni da parti tal-imputat dwar il-kundizzjonijiet veljanti tal-helsien mill-arrest, il-Qorti ma tistax tqis bis-serjeta` l-pregudizzjali sollevat waqt it-trattazzjoni mid-difiza dwar il-prova li messha tressqet mill-Prosekuzzjoni fir-rigward.

[5] Dok. FT5 a fol. 21 *et seq*.

Fil-fehma tal-Qorti, il-kopja legali tad-digriet tad-9 ta' Lulju 2019 ittimbrata bhala tali mid-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali, maghdud maghha x-xhieda tal-imputat, hija prova bizzejjed biex tikkonvinci l-Qorti lil hinn minn kull dubju ragjonevoli dwar x'kienu l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuq l-imputat. Fir-rigward, il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda tal-Ispettur Frank Anthony Tabone, li mill-atti jirrizulta wkoll li huwa l-Ufficjal Prosekutur fil-proceduri li fihom l-imputat inghata l-liberta` provvizorja, u li kkonferma illi l-imputat huwa l-istess persuna indikata fid-digriet tal-helsien mill-arrest Dok. FT5.

Mizmum ferm il-premess, ghandu jinghad illi ma tqajjem ebda suspett kwalsiasi f'mohh il-Qorti waqt il-proceduri illi seta' jinbet dubju li l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest inbidlu minn meta dawn gew stabbiliti bid-digriet tad-9 ta' Lulju 2018. Dan qed jinghad anke ghaliex kieku dan kien il-kaz, d-difiza kienet bla dubju tqajjem din id-difiza u tressaq il-prova hija stess fl-istadju tal-provi taghha, haga izda li ma ghamlitx. Maghdud dan, il-Qorti tifhem illi bhalma jsir f'kull kaz ta' varjazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, kull tibdil jigi registrat fuq id-digriet originali u konsegwentement is-sottomissjoni tad-difiza li kien mehtieg li l-Qorti jkollha a dispozizzjoni taghha l-atti kollha tal-process li fih l-imputat gie akkordat il-liberta` provvizorja, hija bla siwi.

F'dan il-kaz, il-Qorti hija konvinta, u l-provi juru, illi l-imputat kien effettivament marbut bil-kundizzjonijiet imfissrin u elenkati fid-digriet esebit a fol. 10 u 11 tal-atti.

Ikkunsidrat;

Dan stabbilit, il-Qorti ftit ghandha xi tghid dwar in-nuqqas tal-imputat illi josserva l-kundizzjonijiet imposti fuqu fid-digriet tad-9 ta' Lulju 2018, talanqas fil-ftit xhur qabel id-9 ta' Marzu 2019. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm mill-provi jirrizulta illi d-digriet fejn l-imputat inghata l-helsien mill-arrest huwa datat 9 ta' Lulju 2018, iz-zmien indikat fl-akkuza jirreferi ghal reat li sar "*fid-9 ta' Marzu 2019 u fil-gimghat u*

*xhur ta' qabel*". Ghalkemm bl-uzu tal-kelma "xhur" l-ispazju temporali tal-fatti li ghalihom tirreferi l-imputazzjoni huwa estiz ghal diversi xhur qabel id-9 ta' Marzu 2019, il-Qorti pero` tqis illi l-parametri tal-kelma xhur, b'mod generali ghandhom ifissru "dawk il-ftit xhur" qabel id-data specifikata u ma jistghu qatt jiggebbdu biex jinkludu fihom dawk ix-xhur tas-sena ta' qabel id-data espressament msemmija fl-imputazzjoni, f'dan il-kaz Marzu 2019. Ghaldaqstant, ghall-fini tal-imputazzjoni odjerna, jekk ser tinstab htija, din il-htija tista' tkun biss ghal reat li jmur lura sal-1 ta' Jannar 2019, u mhux qabel.

Ikkunsidrat;

Minn daqqa t'ghajn lejn l-entraturi fil-ktieb Dok. FT6 huwa evidenti li l-imputat naqas milli jiffirma l-*bail book* kif gie ordnat jaghmel cioe` kuljum bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar, u dan f'diversi okkazzjonijiet minn mindu nghata l-helsien mill-arrest u anke mill-1 ta' Jannar 2019 'il quddiem, minghajr ma kellu raguni valida. Tosserva in propositu illi l-allegazzjoni li l-imputat kellu diffikoltajiet marbutin ma' xogholu, hija immaterjali ghall-finijiet tad-determinazzjoni dwar jekk kienx hemm ksur ta' din il-kundizzjoni partikolari. Lanqas tista' tkun ta' siwi ghall-fini ta' mitigazzjoni tal-piena, meta ma jirrizultax illi l-imputat kien impedit milli jitlob varjazzjoni fil-hinijiet jew granet tal-firmar tal-*bail book* biex jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu.

Ikkunsidrat;

Rigward il-ksur tal-kundizzjoni tar-rinkazar fid-9 ta' Marzu 2019 meta l-imputat instab barra darba fit-3.15 a.m., cioe` fil-hin li suppost kellu jinstab id-dar, il-Qorti tosserva illi l-imputat fix-xhieda tieghu jaccetta illi huwa kien marbut li ma jkunx barra fil-hin li effettivament intlemah mill-Pulizija f'vettura ghaddejja gewwa Paceville, izda jikkontendi illi dak il-hin huwa kien sejjer l-isptar ghaliex kien ma jiflahx bil-bronchite. M'huwiex kontestat mill-provi illi ftit wara, l-imputat effettivament intbaghat l-Isptar bl-ambulanza u nzamm hemmhekk tul il-gurnata tad-9 ta' Marzu 2019 sa filghaxija, meta ddecieda minn jeddu li jitlaq mill-Isptar. Dan jirrizulta wkoll

mid-dokumenti esebit fl-atti minn Doris Vella Cassia. L-imputat jikkontendi illi l-ksur tal-kundizzjoni tar-rinkazar f'din l-okkazzjoni hija gustifikata minhabba din l-emergenza medika.

Izda l-Qorti, ghalkemm tirrikonoxxi illi l-imputat kien ipprezenta certifikat mediku biss ftit granet qabel id-9 ta' Marzu 2019, liema certifikat jafferma illi huwa kien qed ibati bil-bronchite (Dok. FT7), ma tqisx illi l-verzjoni tal-imputat ghandha mis-sewwa u illi huwa kien kostrett jikser il-kundizzjoni tar-rinkazar ghaliex kellu emergenza medika. Fir-rigward, tosserva illi meta xehed, l-imputat spjega illi huwa kien fil-vettura misjuqa mill-kugina tieghu, certu Kim, li kienet sejra twasslu l-isptar. Qal ukoll illi meta avvicinah il-Pulizija, il-vettura kienet ipparkjata u kien qed jistenna lill-istess kugintu tinzel bil-karta tal-identita` tieghu ghaliex kien nesiha warajh id-dar.

Izda huwa evidenti li din il-verzjoni tikkuntrasta mhux ftit mat-testimonjanza ta' P.S. 1300 Julian Fenech, li kien pjuttost inekwivoku meta ddeskriva dak li ra meta wasal fejn il-vettura li kien passiggier fiha l-imputat, liema vettura dak il-hin kienet ipparkjata fuq kantuniera. Skont ix-xhud, **l-imputat kien akkumpanjat mhux biss mix-xufier izda minn persuni ohrajn li kienu fil-vettura dak il-hin, u meta wasal fejn il-vettura, kien hemm persuna maskili qed titkellem max-xufier u persuna ohra fuq il-bankina.** Fir-rigward, il-Qorti tosserva illi filwaqt li l-imputat ma ghamel ebda accenn ghall-fatt li kien hemm persuni ohrajn fil-vettura, baqa' lanqas ressaq bhala xhud lill-kugina tieghu biex tikkorrobora l-verzjoni tieghu li dak il-hin l-imputat kien ma jifhlax u kienet qieghda twasslu l-isptar. Inoltre, meta jirrizulta illi lanqas mhu cert minn kunjom kungitu, il-Qorti lanqas tqis li tista' taghti xi piz lill-verzjoni tal-imputat illi l-kugina tieghu baqghet ghandu d-dar sat-3.00 a.m. ghaliex kien ma jiflahx.

Lanqas il-fatt illi l-imputat eventwalment mar l-Isptar, ma huwa bizzejjed biex jikkonvinci lill-Qorti illi l-imputat verament kellu emergenza medika. Il-Qorti tqis illi ghalkemm skont l-imputat, hu tant kien ma jiflahx illi kien kostrett jikser kundizzjoni tal-liberta` provvizorja biex jiehu l-kura li kellu bzonn, jirrizulta inkontestat illi huwa

ddecieda li jitlaq minn jeddu mill-Isptar dakinhar stess minflok jibqa' jircievi din l-kura.

Fl-assjem ta' dan kollu, il-Qorti ma jifdallha l-ebda dubju illi l-imputat huwa hati tar-reat li kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u ghandu ghalhekk iwiegeb ghal eghmilu.

**It-Tieni Imputazzjoni - Recidiva**

L-imputat huwa mixli wkoll bit-tieni imputazzjoni, li huwa recidiv.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni esebiet kopja legali ta' zewg sentenzi:- wahda moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-7 ta' April 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs Antoine Agius** (Dok. FT3), u ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Antoine Agius** (Dok. FT4).

Il-Qorti tibda billi tosserva illi b'referenza ghas-sentenza Dok. FT3 ma ghandha ebda dubju illi l-imputat huwa effettivament l-istess persuna li f'dik is-sentenza, moghtija biss recentement, gie misjub hati u gie kkundannat ghal erba' xhur prigunerija. Dan mhux biss ghaliex l-Ufficjal Prosekutur fil-proceduri odjerni kien l-istess prosekutur fil-proceduri li wasslu ghas-sentenza appena msemmija u effettivament fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti ikkonferma li gharaf lill-imputat odjern bhala l-istess persuna kkundannata b'effett ta' dik is-sentenza, izda wkoll ghaliex jirrizulta illi l-konnotati tal-imputat odjern jikkombaccjaw perffettament mal-konnoatati tal-hati fis-sentenza tas-7 ta' April 2018.

Wara kollox, kif inghad fis-sentenza recenti fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur James Grech) vs Raymond Galea**[6]:-

*"... iz-zieda fil-piena ghall-fatt il-gdid li jikkostitwixxi r-reat hija xi haga li tirreferi ghal persuna, w ir-recidiv ma jista' jkun hadd izjed hlief persuna partikolari li tkun giet ikkundannata ghall-reat b'sentenza li tkun saret definittiva, u taghmel reat iehor. Ghal kull reat w akkuza ohra, l-akkuza tar-recidiva hija limitata biz-zmien, u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut ukoll hekk:-

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...".*

Mizmum ferm dan l-insenjament, il-Qorti hija tal-fehma li s-sentenza Dok. FT3, li wara kollox hija wkoll l-istess wahda li giet citata fit-tieni imputazzjoni tac-citazzjoni odjerna kontra l-imputat, tikkostitwixxi prova tajba u bizzejjed tal-addebitu tar-recidiva.

B'referenza ghall-pregudizzjali li qajmet id-difiza waqt it-trattazzjoni tal-kawza, li ma ngabitx prova li s-sentenza saret definittiva u ma gietx mibdula, il-Qorti tirribadixxi illi meta tigi esebita kopja legali tas-sentenza li tkun wahhlet piena lill-hati li mbaghad

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali tal-4 ta' Settembru 2018 (Appell Numru: 285/2017).

jigi ppruvat li huwa l-istess persuna tal-imputat odjern, liema sentenza tissodisfa wkoll ir-rekwiziti taz-zmien preksritti mill-Artikolu 49 u 50, din titqies li hija prova sufficjenti tar-reat tar-recidiva. Ghaldaqstant, f'dan il-kaz, il-Qorti hija sodisfatta bil-prova tar-recidiva li saret bis-sentenza Dok. FS3.

Izda b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Dok. FT4) fit-12 ta' Mejju 2015, il-Qorti ma tqisx illi hawnhekk gew sodisfatti dawn ir-rekwiziti probatorji. Dan ghaliex filwaqt li l-kopja esebita hija kopja legali, ma tressqitx prova sodisfacjenti tal-identita` tal-imputat: ma hemm ebda accenn ghall-konnotati tal-hati f'dik is-sentenza, u lanqas ma gie prodott quddiem din il-Qorti l-ufficjal prosekutur f'dawk il-proceduri[7] biex jikkonferma illi l-identita` tal-hati hija effettivament dik tal-imputat fil-proceduri odjerni. Ghalhekk il-Qorti mhijiex sodisfatta li din is-sentenza tirreferi ghall-imputat odjern. Kif inhu risaput, ghalkemm giet esebita fl-atti l-fedina penali tal-imputat, din m'hijiex bizzejjed u ma tikkostitwixxi la l-ahjar prova u lanqas prova alternattiva tal-imputazzjoni tar-recidiva. Kif ritenut in propositu:-

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is- sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is- sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*[8]

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li s-sentenza Dok. FS4 ma tikkostitwixxix prova tajba tal-imputazzjoni tar-recidiva, izda billi kif inghad, l-imputazzjoni giet debitament

[7] Spettur Pierre Grech.

[8] **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar 2003.

ippruvata bis-sentenza Dok. FS3, l-imputat ghandu jinsab hati wkoll ta' din l-imputazzjoni. Billi jirrizulta wkoll illi l-imputat kien diga` nstab hati li huwa recidiv biss sena ilu[9], il-Qorti tqis illi hawnhekk huwa misthoqq li tuza d-diskrezzjoni taghha illi zzid il-piena b'grad.

**Kunsiderazzonijiet dwar Piena**

Kif inghad, l-imputat qed jinsab hati tal-ewwel imputazzjoni cioe` li kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghti lilu b'digiret tal-Qorti Kriminali tad-9 ta' Lulju 2018 u dan meta naqas diversi drabi bejn l-1 ta' Jannar 2019 sad-9 ta' Marzu 2019 milli jirrapporta fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi kuljum fil-hinijiet ordnati, kif ukoll meta nstab barra fid-9 ta' Marzu 2019 f'hin meta, skont l-imsemmi digriet, kellu jkun irtirat gewwa r-residenza tieghu. Qed jinstab hati wkoll tat-tieni imputazzjoni tar-recidiva.

Jirrizulta mill-fedina penali Dok. FT1, illi l-imputat kien diga` nstab hati precedentement fuq ksur simili, cioe` illi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu f'digriet tas-6 ta' Marzu 2018 li bih kien inghata l-helsien mill-arrest, u dan appuntu permezz tas-sentenza moghti minn din il-Qorti diversament preseduta tas-7 ta' April 2018 (Dok. FT3) fejn gie kkundannat ghal erba' xhur prigunerija u gie revokat il-helsien mill-arrest li kien lilu koncess. **Ghall-Qorti dan ifisser illi l-imputat kien jaf illi bil-ksur ta' xi kondizzjoni tal-helsien mill-arrest kien qieghed jikkommetti reat u kien hemm konsegwenzi ghal tali ksur, apparti milli rega' wera non-kuranza assoluta ghal ordni tal-Qorti**.

Inoltre, mill-fedina penali tal-imputat, li ghalkemm m'hijiex wahda refrattarja hija ev-identement oneruza, il-Qorti fehmet illi l-imputat mhuwiex qieghed jitghallem mill-

[9] Bis-sentenza tas-7 ta' April 2018, Dok. FT3.

izbalji passati tieghu u certament mhuwiex jaghraf li jrid joqghod 'il boghod mill-kriminalita`.

Barra minn hekk, il-Qorti trid taghmilha cara wkoll illi filwaqt illi l-iskop ewlieni tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest huwa proprju biex jigi zgurat li l-imputat jidher ghall-awtorita` tal-Qorti kull meta jigi notifikat biex jaghmel dan, u sabiex jigi assigurat ukoll kemm jista' jkun illi ma jkunx hemm intralc tal-provi, huwa mehtieg ukoll illi **anke l-kundizzjonijiet l-ohrajn tal-helsien mill-arrest li l-imputat ikun obbliga ruhu li joqghod ghalihom bil-firma tad-dikjarazzjoni appozita, jigu osservati skrupolozament**. Izda fl-istess hin, huwa imperattiv ukoll li jinzamm bilanc fis-sens illi l-piena konsegwenzjali ghall-ksur tal-kundizzjonijiet ghandha proporzjonata ghall-ksur stabbilit.

Dan stabbilit, il-Qorti tqis illi l-ksur tal-kundizzjoni tal-iffirmar tal-*bail book* ghalkemm evidentement sar b'mod ripetut, ghad li mhuwiex ksur zghir jew negligibbli, ma huwiex wiehed ta' tant gravita` li **wahdu** jkun jimporta l-konsegwenzi kollha prospettati mil-ligi ghal dan ir-reat.

Ikkunsidrat;

Min-naha l-ohra, izda, l-imputat qed jinstab hati li kiser ukoll il-kundizzjoni tar-rinkazar, liema kundizzjoni l-Qorti Kriminali dehrilha li ghanda timponiha bhala kundizzjoni *ad hoc* ghall-helsien mill-arrest f'proceduri fejn l-imputat qed jigi akkuzat bi traffikar ta' droga u pussess ta' flus foloz[10]. Din il-Qorti ghalhekk fehmet li l-kundizzjoni tar-rinkazar hija wahda li ghandha sinjifikat partikolari marbut man-natura tar-reati li qed jigi mixli bihom l-imputat f'dawk il-proceduri, u ghandha ghalhekk tigi strettament u skrupolozament osservata. Kif gie ritenut in propositu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Italo Grech**[11]:-

---

[10] Vide xhieda tal-Ispettur Frank Anthony Tabone tal-14 ta' Marzu 2019.

[11] Deciza 14 ta' Dicembru 2006.

*"Ghalhekk kull nuqqas konsistenti fi hrug mid-*dar *minn fejn suppost hu qieghed taht arrest, hu nuqqas serju w qatt ma jista' jigi konsidrat bhala ksur ta' "portata zghira" kif qed jissottometti l-appellant. Altrimenti kullhadd jibda jirricerka kull pretest possibbli w immaginabbli biex jara kif jehles mill-"house arrest" billi johrog u jidhol x' hin ikun jidhirlu hu."*

Din il-Qorti wkoll tqis illi l-ksur tal-kundizzjoni tar-rinkazar huwa nuqqas serju f'dan il-kaz, liema nuqqas jimmerita piena ta' prigunerija. Din il-piena sejra wkoll tigi mizjuda bi grad minhabba s-sejbien ta' htija fil-konfront tal-imputat, u dan ghat-tieni darba in fila[12], ghall-addebitu tar-recidiva.

Ikkunsidrat;

Fil-proceduri odjerni, il-Prosekuzzjoni talbet ukoll ir-revoka tal-helsien mill-arrest tal-imputat u l-arrest mill-gdid tieghu u dan a tenur tal-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9, fejn il-legislatur ikkontempla wkoll bhala "piena" addizzjonali ghar-reat ta' ksur ta' kundizzjoni tal-helsien mill-arrest taht l-Artikolu 579(2), ir-revoka tal-helsien mill-arrest bil-konsegwenti arrest mill-gdid. Madanakollu, diversament mill-kaz tal-konfiska tal-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 jaghmluha car illi l-Qorti ghandha diskrezzjoni tiddeciedi jekk ghandhiex tordna r-revoka tad-digriet li bih l-imputat ikun inghata l-helsien mill-arrest u l-konsegwenti ri-arrest tieghu fl-istess proceduri.

**Fil-kaz in ezami wara li rat li n-nuqqas ta' adempiment tal-kundizzjoni tal-iffirmar tal-*bail book* kienet wahda ripetuta, u illi l-kundizzjoni tar-rinkazar hija wahda ta' sinjifikat partikolari u kwindi ta' import gravi, u tenut kont ukoll tal-fatt illi l-imputat diga` gie kkundannat ghall-istess reat ftit inqas minn sena qabel tressaq akkuzat f'dawn il-proceduri u qed jerga' jinstab hati ghat-tieni darba**

[12] Ara fedina penali tal-imputat.

**wkoll bl-addebitu tar-recidiva, il-Qorti tislet il-konkluzjoni illi l-imputat m'huwiex lest li joqghod ghall-ordinijiet tal-Qorti u jimmerita piena li tirrefletti din in-non kuranza totali minnu murija, inkluza l-piena "addizzjonali" tar-revoka tal-helsien mill-arrest. Konformement, sejra tezercita s-setgha taghha taht is-subicinz (3) tal-Artikolu 579 u tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat.**

Ikkunsidrat;

Dwar il-konfiska tal-flejjes moghtija mill-imputat bhala garanzija personali fl-ammont ta' €10,000 u bhala depositu fis-somma ta' €2,000, liema flejjes jghaddu favur il-Gvern ta' Malta f'kaz ta' sejbien ta' htija ghar-reat prospettat mill-Artikolu 579(2), il-ligi hija cara illi f'kaz ta' htija Qorti m'ghandhiex diskrezzjoni:-

"*… l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija* ***għandu*** *jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta*".

Il-Qorti hija konxja illi recentement il-Qorti Kostituzzjonali, anke fuq l-istregwa ta' sentenzi tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, irriteniet illi ghandu jkun ghall-Qorti tiddeciedi, skont il-gravita\` tal-kaz, jekk ghandhiex tordna li s-somma kollha jew parti tghaddi favur il-Gvern ta\` Malta, u dan biex jigu evitati "*elements of shocking disproportionality*" kif wara kollox kienet irrapportat il-Qorti Ewropeja fil-kaz ta\` **Lawrence Gatt v. Malta**[13], fejn intqal li trid ssir distinzjoni cara bejn kundizzjonijiet principali ghall-helsien mill-arrest u kundizzjonijiet ancillari:-

*"... The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, or conditions related to other considerations."*

[13] Appl. 28221/08, deciz 27 ta' Lulju 2010.

Ghalkemm dan l-insenjament jirreferi ghas-subinciz (1) tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 li gie analizzat mill-ottika tal-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, din il-Qorti tqis illi dan ghandu jghodd ukoll bl-istess mod fil-kalibrazzjoni tal-piena misthoqqa f'kaz ta' sejbien ta' htija f'proceduri li jittiehdu ghar-reat taht l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9. Konformement, tqis illi **minkejja li l-piena tal-konfiska tal-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest, wara l-emendi li saru permezz tal-Att VIII tal-2015, hija wahda tassattiva, il-Qorti ghandha dejjem u f'kull kaz toqghod attenta li jinzamm element ta` propor-zjonalita` bejn is-severita` tal-ksur ta` l-kundizzjoni u s-severita` tal-piena kom-minata**.

Kif wara kollox gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Matthew Bajada vs Avukat Generali et**[14]:-

*"Kif tajjeb irravvizat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, wara li kkunsidrat l-insenjament tas-sentenzi fuq citati, ghandu jkun hemm gradwatorjeta` fis-serjeta` os-sia gravita` tad-diversi kundizzjonijiet li jkunu imposti fl-ordni fejn jinghata l-helsien mill-arrest, stante illi mhux kull kundizzjoni timmerita l-konsegwenza estrema prevista mill-Artikolu 579(1). Din il-Qorti zzid illi l-htiega li l-gudikant, fil-kaz ta' ksur ta' kundizzjoni ta' bail, ikollu diskrezzjoni li jiggradwa l-gravita` tal-ksur tal-kundizzjoni fil-mizura konsegwenzjali li ghandha tigi imposta minghajr ma jkun marbut necessar-jament li japplika l-konsegwenza kontemplata fil-proviso tal-istess Artikolu, hija es-senzjali sabiex jintlahqu l-ghanijiet tal-Konvenzjoni. B'hekk jista' jigi evitat f'kull kaz in-nuqqas ta' proporzjonalita`, kif fuq imfisser, bejn id-dritt tal-individwu ghall-liberta` u n-necessita` li jigi assigurat it-tharis ta' ordnijiet gudizzjarji u t-twettieq immedjat ta' obbligi legali."*

[14] Deciza fis-27 ta' Ottubru 2017.

Ikkunsidrat;

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet gja` maghmula, il-Qorti filwaqt illi tirribadixxi illi l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti qeghdin hemm sabiex jigu rispettati u l-obbligi li ghall-ksur li taghhom qed tinstab htija f'dan il-kaz ghandhom jitqiesu bhala obbligu serju, f'dan il-kaz huwa evidenti illi l-imputat ma huwiex qed iqis bis-serjeta` l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.

**Madanakollu, il-Qorti tqis illi jekk tordna wkoll, oltre ghall-arrest mill-gdid tal-imputat bir-revoka tal-helsien mill-arrest, il-konfiska tad-depozitu kif ukoll tal-flejjes kollha moghtija bhala garanzija personali fis-somma komplessiva ta' €12,000 maghdud maghha l-piena mizjuda minhabba l-htija ghall-addebitu tar-recidiva, tkun qieghda tohloq l-isproporzjonalita` ravvizata fl-insenjament fuq riportat.**

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz odjern, hija tal-fehma illi ghandha timmiti-ga l-konsegwenza tassattiva tal-konfiska tal-flejjes moghtija bhala depozitu u garanzi-ja personali billi filwaqt li tordna l-konfiska tad-depozitu, ma hijiex ser tordna **ukoll** l-hlas tas-somma ta' €10,000 stabbilita bhala garanzija ghall-helsien mill-arrest.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 31, 49 u 50, u l-Artikolu 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat ANTOINE AGIUS hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal hames (5) xhur prigunerija, kif ukoll tirrevoka l-helsien mill-arrest moghti bid-digriet tal-Qorti Kriminali datat 9 ta' Lulju 2018, u tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat.**

**Ghar-ragunijiet mfissrin f'din is-sentenza, tordna illi jigi konfiskat id-depozitu fis-somma ta' elfejn Euro (€2,000) izda mhux ukoll il-garanzija personali fis-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000),**

**Tordna wkoll illi z-zmien kollu li l-hati ikun inzamm fil-habs taht arrest preventiv, ghandu jitqies bhala parti miz-zmien ta' prigunerija taht u ghall-fini ta' din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**